MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 900/2006

**Bank of Valletta (C 2833)**

**vs**

**Mario u Jacqueline mizzewgin Pisani**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjeta` Bank of Valletta plc fejn din wara li ppremmettiet illi:

1. Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f`kuntratti datati fl-14 ta` Mejju, 2002, in atti Nutar Dottor Carmelo Mangion (Dok. ‘A’), u tnejn datati fis-27 ta` Ottubru, 2004 in atti Nutar Dottor Andre Farrugia (Dok. ‘B’ u ‘C’), u kif ukoll fl-iskrittura privata (Dok. ‘D’), is-socjeta` attrici ikkoncediet facilita` bankarja lil konvenuti Mario u Jacqueline mizzewgin Pisani;

2. Is-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Mario u Jacqueline mizzewgin Pisani fis-somma ta` mija u tnejn u tmenin elf, disgha u erbghin Liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm182.049.63) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u l-Overdraft Accounts” ta` Mario u Jacqueline mizzewgin Pisani mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “E1 sa E61”, Dok. “F”. Dok. “G” u Dok. “H”) flimkien ma` l-imghax ulterjuri mill-25 ta` Awissu, 2006 sad-data ta` l-effettiv pagament;

3. Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u l-iskrittura privata (u hawn esebiti bhala Dok. “A” sa “D”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Mario u Jacqueline mizzewgin Pisani; (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skrittura, (b) Kienu inadempjenti f`obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess konvenuti Mario u Jacqueline mizzewgin Pisani li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta` l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. L-atturi nomine jafu bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Il-konvenuti gew interpellati permezz ta` ittra ufficjali datata 19 ta` Lulju, 2006 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok “I”, sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talbu lil intimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex”

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u l-iskrittura (u hawn esebiti bhala Dok. “A” sa “D”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Mario u Jacqueline Pisani mizzewgin (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura, (b) kienu inadempjenti f`obbligi ohra minnhom assunti fl-

istess kuntratti u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta` l-istess konvenuti Mario u Jacqueline mizzewgin Pisani li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta` l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici, u

2. Tikkundanna lil Mario u Jacqueline mizzewgin Pisani jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` mija u tnejn u tmenin elf, disgha u erbghin Liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm182,049.63) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u l-Overdraft Accounts” ta` mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “E1 sa E61”, Dok. “F”, Dok. “G”, u Dok. “H”) flimkien ma` l-imghax ulterjuri mill-25 ta` Awissu, 2006 sad-data ta` l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficjali datata 19 ta` Lulju, 2006 u tal-Mandati ta` Sekwestru u ta` Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikati skond l-Art. 187(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, kemm bir-rikors promotur kif ukoll bl-avviz tas-smiegh, l-intimati Mario u Jacqueline Pisani baqghu ma pprezentaw ebda risposta u lanqas biss deheru fil-Qorti ghas-smiegh tal-kawza.

Rat id-dokumenti kollha esibiti.

Semghet ix-xhud prodott mill-istess Bank rikorrenti, liema xhud ikkonfermat li mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur, ma thallset ebda parti mid-dejn dovut.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` l-ewwel talba fir-rikors promotur.

Tilqa` t-tieni talba u tikkundanna lil Mario u Jacqueline Pisani jhallsu lil Bank of Valletta plc is-somma ta` €424,061.57 ekwivalenti ghal Lm182,049.63, flimkien mal-imghax mill-25 ta` Awissu, 2006 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha kif mitluba fl-istess rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-istess konjugi Pisani.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------